**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 13 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Emanuel Theuma et**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Emanuel Theuma iben Anthony u Catherine nee' Bonett, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Mejju 1970 u residenti gewwa Stables Crown Work Ditch, Triq Nazzjonali, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246170M;

U Demitrius Catania iben Lorenzo u Carmela nee' Micallef, imwieled Pieta' nhar it-18 t'Ottubru 1966 u residenti gewwa Carmen, Flat 2, Triq is-Serkin Marsa w detentur tal-karta tal-identita' 5867M

Talli nhar il-22 ta' Lulju 2015, ghall-habta tas-siegha w hamsa ta' waranofsinhar (13:05 Hours), gewwa x-Xatt Pinto, Floriana w f'dawn il-Gzejjer:

1) Zammu annimali jew qablu li jzommu annimali (zwiemel) ghandhom u ma kienux responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom;

2) Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jiehdu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex jizguraw li l-htigijiet ta' l-annimali (zwiemel) li huma responsabbli ghalihom, jew li qablu li jiehdu hsibhom, jintlaqghu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha ul-benesseri tal-annimali (zwiemel).

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti ma rrisultax ippruvat skond il-ligi li l-imputati hallew liz-zwiemel taghhom fix-xemx fid-data indikata, kif allegat il-Prosekuzzjoni. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fiz-zmien indikat, jew dakinhar stess jew f'xi zmien qabel it-22 ta' Lulju 2015, fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni maghrufa bhala "social media" dehru numru ta' lmenti li z-zwiemel bil-karrozzini kienu qed jithallew fix-xemx fejn il-"Waterfront Cruise Liner Terminal". Ghalhekk marru r-rappresentanti tad-Dipartiment tal-Harsien tal-Annimali u sabu zewg karrozzini jistennew li jghabbu t-turisti mill-venda, fix-xemx. Ghalhekk gew mitkellma s-sidien tal-karrozzini in kwistjoni, l-imputati odjerni, u tmexxew dawn il-poceduri.

Qabel xejn jigi rilevat li kien ikun ta' ghinuna li dawk l-ilmenti fuq is-"social media" jigu esebiti fl-atti, halli l-Qorti b'hekk setghet tkun taf ghal liema perijodu qed issir riferenza ghaliha. Dan qed jinghad ghax id-difiza harget b'agument validu u spjegazzjoni logika ghal kif setghu graw il-fatti tal-kaz. Huma qalu li kienu qed jistennew taht it-tinda armata apposta ghalihom minn Transport Malta, u hekk kif kien imiss lilhom, huma mexxew liz-zwiemel bil-karrozzin b'kollox minn taht din it-tinda ghal gol-venda, kif kellhom istruzzjonijiet jaghmlu minn Transport Malta stess,

sabiex tigi evitata konfuzjoni u dizordni fejn jittrakkaw il-vapuri l-kbar, u biex iz-zwiemel ma jbatux fis-shana tax-xemx. Huma qalu li kienu ilhom hemm biss ftit minuti meta gew tal-"Animal Welfare" u harrkuhom talli kellhom iz-zwiemel fix-xemx. Din l-ispjegazzjoni hi plawsibbli ghall-Qorti. Ix-xhieda tal-Welfare ma qalux kemm kienu ilhom hemm iz-zwiemel, izda kif waslu fuq il-post mal-ewwel marru jkellmu lis-sidien, peress illi kienu rcevew l-ilmenti msemmija. Izda l-Qorti ma kellhiex prova quddiemha li dawk l-istess zwiemel kienu ilhom hemm, minuti jew sieghat. L-anqas taf il-Qorti jekk il-mertu kellu jittratta ilmenti maghmulha granet qabel jew dakinhar biss. Ghalhekk, in vista ta' nuqqas ta' provi kontra l-imputati, il-Qorti sejra tilliberahom minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 8(3), 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberahom minn kull akkuza migjuba kontrihom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**